MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2012

Numru. 114/2002

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR LOUISE CALLEJA**

**KONTRA**

**ALBANO KOKAVESSIS ta’ 40 sena, iben Nikoloas u Matilde nee’ Grima, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-08.12.1970, residenti fil-fond Exodus, Triq it-Tullier, Attard, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 519370M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **ALBANO KOKAVESSIS** li gie akkuzat talli fil-Hamrun jew/u f’xi bnadijiet ohra f’Malta, fit-22 ta’ April, 2001 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a. Ghamel lottu klandestin jew gabar il-flus tal-gugati fuqu, jew b'xi mod ghen jew hajjar f'daqshekk bi ksur ta' l-Artikolu 12 ta' l-Ordinanza dwar il-Lottu Pubbliku 1932 Kapitolu 70 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. U aktar talli ghamilha ta' ricevitur ta' gugati tal-lottu meta ma kienx awtorizzat ghal daqshekk mill-Ministru responsabbli ghall-Finanzi, bi ksur tal-Artikolu 13 ta' l-Ordinanza dwar Lottu Pubbliku 1932 Kapitolu 70 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. U aktar talli biegh jew offra ghall-bejgh biljetti tal-Lottu Pubbliku minn postijiet mhux licenzjati ghal dan il-ghan bi ksur tal-Artikolu 14 ta' l-Ordinanza dwar Lottu Pubbliku 1932, Kapitolu 70 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. U aktar talli organizza xi pools fuq loghob projbit jew gabar gugati dwar hekk, sew bi hlas fil-pront jew bid-dejn, jew ghen jew hajjar biex isiru dawn il-pools b'xi mod u dan bi ksur tal-Artikolu 16 tal-Kapitolu 131 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. U aktar talli rrenda ruhu recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 22.04.1999, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dawn il-proceduri jitmexxew b'mod sommarju.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghali tali proceduri.

Rat ukoll li fis-sesduta ta' nhar id-09.10.2002, l-imputat kien ammetta ghall-akkuza (d), cioe' dik li tirrigwarda organizzazzjoni ta' pools. Rat ukoll li fl-istess seduta l-Avukat Difensur ezenta lill-Ufficjal Prosekutur milli jtella' xhieda dwar is-sentenza ezebita bhala Dok LV.

Rat l-atti kollha tal-kawza. Rat ghalhekk il-provi prodotti – semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi ufficjali tal-pulizija kollha xhedu li sabu l-imputat imdawwar bin-nies f'cirkostanzi suspettuzi, tant illi hu, anke skond ix-xhieda taghhom, ipprova jahbi anki certu ammont ta' flus li pero gew elevati mill-pulizija. Minghand l-imputat gew elevati wkoll diversi kotba li fuqhom kellhom ismijiet ta' teams ta' football u ismijiet. Ittehdulu wkoll calculator u biro.

Minn fuq l-imputat ittiehdet is-somma ta' Lm1,146.00. Minghand l-imputat ittiehed ukoll biljett tal-lottu.

Minn naha tieghu l-imputat irrilaxxa stqarrija u anke ghal darbtejn ghazel illi jixhed viva voce. Ghandu jinghand illi qatt u xejn ma kien konvincenti l-imputat dwar l-ammont ta' flus li nstabu fuqu, u cioe' li kienu fuqu ghax kellu kontijiet tad-dar x'ihallas – dan nonostante li nqabad bl-istess fuqu fil-gurnata tal-Hadd. Irrisponda li hu ma kienx ihobb ihalli flus id-dar.

Innega ghal darba tnejn, li hu kien qieghed jorganizza lottu klandestin. Insista biss li l-biljett li nstab fuqu kien tieghu mixtri minnu minghand terz.

Kif gia' premess l-imputat ammetta li kien jorganizza pools u ta' dawn instabu l-kotba fuqu.

Ghandu wkoll jigi premess qabel ma din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza, illi l-istqarrija ttiehdet lill-imputat b'dak li din il-Qorti ssejjah ir-regime antik, cioe' minghajr id-dritt ta' l-assistenza legali, allura ghandha valur probatorju minat ghal kollox.

Illi frankament din il-Qorti ma thossx illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova ebda mill-akkuzi taht il-Kapitolu 70 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni pero, issib lil Albano Kokavessis hati taht l-Artikolu 16 tal-Kapitolu 131 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tar-recidiva taht l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet

ta’ Malta. Dwar il-piena, rat l-Artikolu 16(2) tal-Kapitolu 131 tal-Ligijiet ta’ Malta, qieset ukoll illi l-imputat huwa wiehed recidiv, ghalhekk tqis illi l-piena idonea hija dik ta’ multa fl-ammont ta’ €233 u piena karcerarja ta’ xahar (1).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------